# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Numru: 133/2017**

Il-Pulizija

(Assistant Kummissarju Stephen Gatt)

Vs

**Charles Aquilina**

**Darren Aquilina**

**Robert Aquilina**

Illum, 3 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Charles, Darren u Robert Aquilina quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzati talli fil-31/07/2006 ghal habta tal-10.40pm gewwa l-Msida:

1. bil-hsieb li jaghmlu delitt cioe' omicidju volontarju fuq il-persuna ta' Kevin Pace mill-Msida, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma kienx giew esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom;

2. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' Kevin Pace f'periklu car, ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Kevin Pace jew gabhulu disordni f'mohhu liema offizi gravi kkagunaw debbulizza permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem jew marda permanenti tal-mohh kif ukoll gabet sfregju gravi u permanenti fil-wicc fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn ta'Kevin Pace kif iccertifika Dr.Michael Spiteri M.D. tal-isptar San Luqa;

3. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg tal-Klabb tal-Bocci tal-Msida, mobbli jew immobbli, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix il-hames mitt lira Maltin imma izjed minn hamsin lira Maltin;

4. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ikkagunaw offizi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kevin Pace hekk kif iccertifika Dr Michael Spiteri M.D. tal-isptar San Luqa;

5. fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebbew kontra l-persuna ta' Kevin Pace sabiex jingurjawh, idejquh, jew jaghmlulu hsara;

6. lil Darren Aquilina biss talli fl-istess lok, jum , hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati Malta, moghtija fil-15/03/2006 liema sentenza ma tistax tigi mibdula;

7. lil Charles Aquilina biss talli talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi rrenda ruhu recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell, nhar il-22/03/2005 liema sentenza ma tistax tigi mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-08 ta' Marzu 2017 fejn il-Qorti lliberat lill-appellati billi l-akkuzi ma rrizultawx ppruvati.

Rat ir-rikors tal-appell ta'l-Avukat Generali tat-28 ta' Marzu 2017 fejn talab lil Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha fl-intier taghha u minflok tghaddi sabiex tiddikjara lill-appellati hatja tal-imputazzjonijiet kollha, u konsegwentement tinfliggi piena skond il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

Illi l-Avukat Generali hassu aggravat bid-decizjoni impunjata billi huwa tal-fehma illi abbazi tal-provi li l-Ewwel Qorti kellha in atti hija ma setatx la legalment u lanqas fattwalment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha meta lliberat lill-appellati mill-akkuzi lihom addebitati.

Illi l-Ewwel Qorti sejset id-decizjoni liberatorja fuq il-fehma illi l-fattispecje tal-kaz kienu jinkwadraw rwiehhom fir-reat tar-rissa u mhux dawk tar-reati indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju. L-Ewwel Qorti izda ma tidholx biex taghmel apprezzament approfondit ta' dak li wassalha ghal din id-decizjoni u lanqas jekk il-fattispecje tal-kaz jinkwadrawx rwiehom f'dak dispost fl-artikolu 237 jew 238 tal-Kodici Kriminali.

Illi jibda biex jinghad illi sabiex jissussisti r-reat tal-hekk imsejjah "ir-rissa" jew tal-glied iridu necessarjament jikkonkorru diversi elementi kif jemergi mid-dicitura tal-artikolu 237 tal-Kodici Kriminali.

1. Illi l-ligi titkellem fuq glied accidentali fejn allura jrid necessarjament jkunu involuti iktar minn tnejn minn nies ghalkemm il-ligi ma tispecifikax in-numru. "*Per la configurazione del reato è necessaria e sufficiente che nella violenza contesa vi siano gruppi contrapposti, con volontà reciproca di attentare all'altrui incolumità*.[1]"
2. Fil-fatt il-persuna li tikkaguna l-offiza jew il-mewt irid jibqa' injot jew inkella minhabba n-numru ta' nies involuti ma jkunx jista' jigi stabbilit minn kien l-awtur tar-reat.

[1]https://www.brocardi.it/codice-penale/libro-secondo/titolo-xii/capo-i/art588.html

3. Il-persuni kollha involuti f'din il-glieda allura huma hatja tar-reat ghaliex kull wiehed minnhom jassumi r-responsabbilta' bil-partecipazzjoni volontarja f'episodju ta' vjolenza kollettiva ghal offiza jew offizi kkagjonati.

**"Illi r-reat tar-rissa minnu nnifsu jikkontempla sitwazzjoni fejn involuti numru ta' persuni f'argument, jista' jkun hemm persuni li jsofru offiza fuq il-persuna taghhom jekk mhux addirittura l-mewt. Dan necessarjament ifisser illi l-awtur tar-reat ikun jew injot jew inkella ma jistax jigi stabbilit b'certezza min mill-persuni involuti jkun wettaq dik l-offiza, b'dan ghalhekk illi l-legislatur hass illi f'tali cirkostanzi kull min jkun involut ihaqqu jigi penalizzat.**

> **"Il-Crivellari jghid:**
> ***"Nella rissa e` avvenuto un omicidio: tutti i corrissanti, se non per volonta` diretta, almeno per volonta` indiretta o per colpa, ne sono responsabili; dunque meritano una pena; non l'ordinaria dell'omicidio, ma straordinaria, appunto perche` e` ignoto colui che materialmente la consumava.***
>
> ***"E`, pero`, regola rigorosa dettata dalla scienza che non possa essere applicata la pena straordinaria se non quando sia assolutamente ignoto l'autore dell'omicidio e non esista a carico di alcuno dei corrissanti preponderanza di prova per crederlo omicida, perche`, in questo caso, dev'essere punito come tale egli solo. Ictus uniuscumque contemplare oportet. Vuolsi, inoltre, dalla scienza che, ignoto l'autore dell'omicidio, siano puniti di pena straordinaria solo coloro che si sono impegnati nella rissa."***

**Il-Crivellari jirreferi wkoll ghal sentenza tal-Cassazione ta' Palermo tat-12 ta' Dicembru 1866 fejn intqal:**

> ***"Se fuori del caso della rissa siano a taluno arrecate per mano di piu` feritori, piu` ferite mortali, delle quali pero` una gli tronchi immediatamente la vita, prima che le altre abbiano potuto produrre il loro effetto nocivo, vale a dire la morte, e d'altronde sia certo quale tra i feritori fu l'autore della lesione che cagiono` veramente la morte; questo solo e` tenuto d'omicidio, mentre gli altri devono rispondere di ferimento. Ma se l'uccisione accade in una rissa, tutti i corrissatori che avranno arrecato ferite mortali debbono rispondere dell'omicidio, senza avere 16 riguardo a quella tra le ferite che prima delle altre abbia prodotto la morte.[2]"***

Illi gie deciz ukoll:

> **"Illi ghar-rigward tat-tielet aggravju, dan jidher manifestament infondat ghaliex il-koncett kollu tal-"offesa in rissa" inkorporat fl-artikolu 237 tal-**

---

[2] Giulio Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia, Vol. VII (Unione Tipografico – Editrice, Torino, 1896). – Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel sive Charles Demicoli – app. Sup.02/09/2010 – 35/2007

**Kodici Kriminali jiccentra fuq il-fatt li fil-glieda accidentali, jkunu hadu parti fiha kontra l-offiz aktar minn zewg persuni, w, fl-assenza ta' aggressjoni pjanata jew premeditata mid-diversi persuni li jkunu hadu parti fiha w/jew fl-assenza ta' l-prekoncert bejnithom biex isir l-omicidju jew l-offiza (ghalhekk l-emfasi hija fuq glieda accidentali), meta ma jkunx maghruf min, minn dawk li jkunu hadu parti attiva fil-glieda KONTRA l-MAQTUL JEW L-OFFIZ, attwalment ikun ikkaguna l-offiza jew l-omicidju, allura kull wiehed li jkun ha parti attiva kontra l-offiz jew il-maqtul, ikun responsabbli kriminalment, pero' s' intendi ta' reat li jgib piena inqas gravi minn dik tal-omicidju jew tal-offiza skond il-kaz. Hu ovvju li mill-inqas iridu jkunu hadu parti attiva kontra l-offiz (f' dan il-kaz) mill-inqas zewg persuni, b' mod li ma jkunx jista' jinsab min minnhom kien l-awtur tal-offiza. ………….. kif jghid il-CARRARA ("Programma del Corso Di Diritto Penale" Parte Speciale, Vol. I S 1311 p.496), hu bazat fuq l-"incertezza dell' autore".[3]"**

Issa minn ezami tal-fattispecje ta' dan il-kaz ghandu jemergi illi dak li wassal ghall-aggressjoni fuq il-persuna tal-vittma Kevin Pace ma kienx frott ta' xi argument li nqala' bejnu u bejn terzi persuni fosthom l-appellati izda din sehhet meta l-appellati b'mod intenzjonali wasslu fuq il-post, u cioe' il-kazin fejn kien hemm Pace, armati u bl-intenzjoni li ihebbu ghal kugin taghhom wara li dan kien involut f'divverbju ma' missierhom. Dan ifisser allura illi la kien hemm xi argument jew rissa bejn grupp ta' nies li ippreceda l-feriment u wisq anqas l-aggressuri kienu injoti billi seta' jigi stabbilt b'certezza min kienu l-persuni li kkommettew l-offiza fuq il-persuna ta' Pace u dan b'mod intenzjonali.

Illi l-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti tal-kawza minn fejn jirrizulta illi f'dik il-lejla tal-31 ta'Lulju 2006 fil-kazin tal-bocci tal-Imsida kien hemm prezenti biss hamsa minn nies fil-mument meta sehhet l-aggressjoni. Dawn kienu l-vittma Kevin Pace li dak in-nhar kien qieghed jiehu hsieb il-bar ta' dan il-klabb gestit minn huh u missieru, it-tfajla tieghu Maria d'Amato u bintu ta' tlettax-il sena Chanalise Pace. Fil-klabb kien hemm ukoll il-parruccjani certu Emmanuel Vassallo u Reuben Calleja li ma kenux

---

[3] Il-Pulizija vs Joseph Grech:

involuti f'din l-aggressjoni. Illi x-xhieda okulari flimkien mal-vittma huma kollha konkordi fil-verzjoni taghhom tal-fatti li l-vittma, li fil-hin tal-aggressjoni kien qieghed fil-bieb tal-kazin ihares wiccu 'il gewwa, gie mkaxkar 'il barra bil-forza mit-tlett appellati li kienu armati b'hadida u injama li aggredewh u bdew issawtuh. Ma jidhirx illi kien hemm xi argument verbali bejn l-aggressuri u l-vittma li ppreceda dan l-incident. Minn dak li jistqarr Kevin Pace, xi hin qabel kien hemm missier l-appellati li kien qieghed bil-qieghda fuq barra tal-klabb flimkien ma' xi terzi persuni li maghhom kien inqala' argument verbali dwar politika u Pace kien hareg barra u sikket lil missier l-appellati. Dan telaq bir-rabbja minn fuq il-post u hedded li "ippatihielu". Ftit tal-hin wara wasslu l-appellati armati kif inghad, li aggredew lil Pace u bdew isawwtuh b'oggetti iebsin fuq rasu tant illi kkagunawlu ferita gravi kif jiccertifika l-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri fost hafna abbrazjonijiet u tbengil fuq dahru u saqajh. Illi wkoll min-natura tal-feriti riskontrati huwa evidenti illi Pace kien vittma ta' aggressjoni vjolenti li seta' kellha konsegwenzi ferm aktar gravi minhabba l-ksur li garrab Pace fuq rasu. Din il-verzjoni tal-fatti hija kkonfermata minn Maria D'Amato u Chanalise Pace li jistqarru illi Pace gie aggredit minghajr ebda raguni mit-tlett appellati.

Illi allura minn dawn ir-risultanzi processwali ma jistax jinghad illi jirrizultaw l-elementi tar-reat tar-rissa u dan ghaliex fl-ewwel lok ma jidhirx illi kien hemm xi skontru bejn xi grupp ta' nies ghaliex dan kien kaz klassiku ta' aggressjoni pre-meditata minn tlieta minn nies fuq persuna wahda, persuna li ma kenitx armata ghal kuntrarju tal-aggressuri taghha. Illi *di piu'* it-tlett agressuri huma maghrufa, bix-xhieda kollha jindikaw illi kienu t-tlieta li huma li sawwtu lil Pace. Dawn it-tlieta minn nies ma gewx ipprovokati minn Pace u nizzlu ghalih armati bl-intenzjoni cara li jhebbu ghalih u jaghmlulu l-hsara biex b'hekk l-intenzjoni generika mehtiega ghar-reat tal-offiza fuq l-persuna tirrizulta ppruvata. Illi ma jidhirx lanqas illi l-appellati jew xi hadd minnhom sofra xi griehi f'din l-aggressjoni u ghalkemm mill-provi tohrog allegazzjoni illi l-appellat Robert Aquilina seta' kellu xi griehi fl-istonku, madanakollu dan il-fatt ma giex ppruvat mill-appellati sal-grad mehtieg minnhom fil-ligi. L-appellati la jixhdu u lanqas iressqu provi in difeza. *Di piu'* fl-istqarrijiet minnhom

rilaxxjati lil pulizija *a tempo vergine*, huma jaghzlu li ma jwiegbu ghall-ebda domanda li ssirilhom, kif kellhom kull dritt illi jaghmlu. Dan maghdud allura l-Qorti trid tistrieh fuq l-provi li hemm fl-atti li kollha jippuntaw fid-direzzjoni tar-reita' ghar-reati kollha indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu, kuntrarjament ghal dak deciz mill-Ewwel Qorti li la legalment u lanqas fattwalment ma setghet tasal ghal konkluzjoni illi l-fattispecje tal-kaz kienu jinkwadraw rwiehom fir-reat tar-rissa ghal motivi hawn fuq migjuba.

Fil-fatt il-Qorti tistqarr illi d-decizjoni appellata hija nieqsa minn kull motivazzjoni u msejsa fuq konsiderazzjoni ghal kollox errata enkapsolata b'mod legger ghal kollox f'frazi wahda li ma setghat qatt issarraf f'ezami approfondit ta' process gudizzjarju li dam ghaddej 'il fuq minn ghaxar snin fejn kienu instemghu numru ta' xhieda.

Illi dan maghdud allura l-Qorti ma tistax tabqel mal-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti billi l-akkuzi kif imfassla mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tieghu kollha jirrizultaw ippruvati. Illi huwa indubitat illi l-vittma Kevin Pace sofra griehi ta' natura gravi f'din l-aggressjoni fit-termini tl-artikolu 216(1)(a) tal-Kap.9, u dan kif jirrizulta mir-rapport tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri minn fejn jirrizulta illi l-vittma kien fil-perikolu tal-mewt fejn il-griehi riskontrati minnu damu 'il fuq minn xahar biex fiequ[4]. Illi huwa pacifiku wkoll illi l-vittma huwa prim'kugin mal-appellati sabiex b'hekk tirrizulta l-aggravanti ghar-reat fit-termini ta'l-artikolu 222(1)(a) abbinat mal-artikolu 202(h)(vii) tal-Kodici Kriminali, izda mhux ukoll abbazi tal-artikolu 222A(2) kif indikat fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju billi ma hemmx prova illi l-aggressjoni sehhet ghar-ragunijiet indikati f'din id-disposizzjoni tal-ligi. Illi huwa indubitat ukoll illi abbinat ma' dan ir-reat jirrizulta wkoll dak kontravvenzjonali mahsub fl-artikolu 339(1)(d). Illi gie ppruvat wkoll illi fil-kors tal-aggressjoni giet kkagjonata hsara volontarja f'oggetti li kienu jinstabu fil-klabb tal-bocci tal-Imsida liema hsara tammonta ghal madwar Lm30[5] biex b'hekk jirrizulta r-reat tal-hsara

[4] Dokument MS a fol. 88

[5] Fol.147 et seq. tal-process

volontarja kif mahsub fl-artikolu 325(1)(c) u mhux is-sub-inciz (b) kif indikat mill-Avukat Generali, bl-aggravanti fit-termini tal-artikolu 325A izda ma tirrizultax ppruvata. Finalment jirrizulta illi l-appellati Charles Aquilina u Darren Aquilina huma recidivi fit-termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Ill meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi nflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni it-trapass taz-zmien minn meta sehhew ir-reati addebitati lill-appellati, li ma kienx certament imputabbli lil xi nuqqas minn naha taghhom lejn il-kors tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. Ser tqies ukoll illi l-vittma llum rkupra totalment mill-feriti minnu rapportati, ghalkemm ma tistax minn naha l-ohra tinjora l-gravita' ta' l-kaz fejn persuna setghet tillfet hajjitha. Illi ukoll ghalkemm l-appellati Charles u Darren Aquilina huma recidivi, madanakollu fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet tqies illi l-piena ma ghandiex tigi mizjuda ulterjorment u ghalhekk mhux se tapplika dak dispost fl-artikolu 50 fil-konfront taghhom.

Ghaldaqstant ghal motivi hawn fuq migjuba, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Avukat Generali, tghaddi ghalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata, u wara li rat l-artikoli 214, 215, 216(1)(a)(i), 222(1)(a), 202(h)(vii), 325(1)(c), 339(1)(d), 17(h), u 31 tal-Kodici Kriminali ssib lill-appellati hatja tal-akkuzi indikati mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju, izda mhux bl-aggravanti kif mahsuba fl-artikoli 222A u 325A tal-Kodici Kriminali, tiddikjara wkoll lill-appellati Charles Aquilina u Darren Aquilina recidivi fit-termini tal-artikoli 49 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellati kollha ghal perijodu ta' sentejn (2) prigunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali dan it-terminu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' (4) snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommettu reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil hatja ihallsu f'ishma ugwali bejniethom l-ammont ta' €776.55 lir-Registratur tal-Qorti rapprezentanti l-ispejjez marbuta mal-hatra tal-esperti.

Wara li rat l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali torbot lil hatja Charles Aquilina, Darren Aquilina u Robert Aquilina b'garanzija fl-ammont ta' €1000 kull wiehed biex bl-ebda mod ma javvicinaw jew jimmolestaw lil Kevin Pace u dan ghal zmien sena mil-lum.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur